li l-fratelli tar-Ruzarju, tas-Sagrament, tal-Kuncizzjoni, tac-Cintura u tad-Duttrina iridu jmorru ghal-funeral fil-hin. Ma dawn kienu jizdiedu l-qassisin li kienet torfna il-familja tat-tajjeb, u kien ikunhemm funeral daqs ta' kappillan ukoll jekk il-mejjet kien ikun xi bajjad jew skarpan. Id-differenza kienet tkun biss, li l-Kappillan kien jingarr mikxuf fuq il-mejjilla, u l-iskarpan f'tebut maghluq. Mbaghad kien ikollna l-funeral tal-foqra, meta xi habib kien johror mat-triq biex isirlu tebut irhis, u l-imsejken jittiehed fil-knisja u jindifen fil-qabar tal-komun, dejjem bl-akkumpanjament tal-kappillan tal-parrocca.

F'xi parrocci fejn hemm il-fratellanza tal-Karita' bhal tal-Belt, il-Birgu u r-Rabat, il-foqra kienu jingabru u jin-difnu minn dawn il-fratellanzi tal-hniena, li jahsbu wkoll ghall-mistrieh tal-erwieh kollha, ghonja u fqar, xorta wahda.

---

Donazzjoni. Nixtiequ bil-qalb u rikonoxxenza, nizzu hajr lill-benefatturi taghna. Din is-sena Is-Sin'na Karmen Mikallef Buhagiar baghtet donazzjoni generuza, mill-Londra. Nirringrazjawha hafna.

Tahditiet. Is-Sur Guido Lanfranco ta disa tahditiet dwar il-Folklor Malti, lill-istudenti tal-Liceo il-Gdid tax-Xjenza, fl-Imsida, f'Dicembru 1981. Tahdita ohra dwar id-drawwiet tal-Milied u l-ewwel tas-sena, lill-Friendship Group, Floriana, 2-12-81

Ahbarijiet Folkloristici. Is-soltu fl-Imnara l-Editur jaghmel lista ta' ahbarijiet lokali ta' nteress folkloristiku; dawn ser jidhru fil-harga li jmiss flimkien ma' dawk ta' dik is sena.

--X--X--X--X--X--X--